

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1133**tat-30 ta' Lulju 2020****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 ⁽¹⁾, li stabbiliet Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat sa 24 xahar wara li l-Missjoni tkun laħqet Kapacià Operattiva Sħiħa, jiġifieri sad-19 ta' Settembru 2018, u ammont ta' referenza finanzjarja li jkopri dak il-perijodu.
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1082 ⁽²⁾, li estendiet il-mandat tal-EUTM RCA sad-19 ta' Settembru 2020.
- (3) Fit-28 ta' Mejju 2020, abbażi ta' Rieżami Strateġiku tal-Missjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi estiż b'sentejn oħra.
- (4) L-EUTM RCA jenħtieġ li tikkoordina mal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), ladarba l-EUAM RCA titnieda, u ma' atturi internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (MINUSCA), bil-ħsieb li jiġi żgurat l-għoti ta' appoġġ integrat koerenti lill-Gvern u lill-forzi tas-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 tiġi emendata skont dan.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u lanqas ma hi marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha, u ma tieħux sehem fil-finanzjament tal-EUTM RCA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) pariri strateġiċi lill-kabinet tal-President, il-Ministeru tad-Difiża, il-Persunal Militari u l-forzi armati, inkluż dwar kooperazzjoni ċivili-militari;”;

(ii) il-punt (d) jiħassar;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-EUTM RCA għandha tikkoordina mal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) u ma' atturi internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-MINUSCA, bil-ħsieb li jiġi żgurat l-għoti ta' appoġġ integrat koerenti lill-Gvern u lill-forzi tas-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.”;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1082 tat-30 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar missjoni ta' taħriġ militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 194, 31.7.2018, p. 140).

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-arranġamenti ta' koordinazzjoni bejn il-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE, l-atturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-EUAM RCA, u s-sħab strateġiċi lokali ewlenin rilevanti għall-operazzjoni għandhom jiġu definiti fil-Pjan tal-Missjoni.”;

(3) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM RCA għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2020 sad-19 ta' Settembru 2022 għandu jkun ta' EUR 36 960 000. Il-perċentwal ta' dan l-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 0 % u l-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 10 % għall-impenji u 0 % għall-ħlasijiet.”;

(4) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-EUTM RCA għandha tintemm fid-19 ta' Settembru 2022.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH